


# L-Imhabba biss tehlisna.



2. Go belt kbira kienu jghixu zewgt itfal li ma genb id-dar taghhhom kellhom gnien imdaqqas. Ma kienux ahwa imma tghidx kemm kienu jinhabbu bejniethom. Kienu girien u l-granet tas-sajf kienu jghadduhom jilaghbu qalb il-fjuri tal-gnien. It-tifel kien jismu **Key** u t-tfla kien jisimha **Gerda.**



3. Fix-xitwa huma kienu jingabru hdejn ‘il-fireplace’ u joqoghdu jisimghu n-nanna ta’ Kay taqralhom l-istejjer fuq ir-Regina tas-Silg. Kienet tghidilhom illi din ir-regina ghandha qalb tas-silg, u fil-bidu tax-xitwa hija tiffriza s-sigar u x-xmajjar. Tant hija kattiva li tixtieq li kulhadd ikollu qalb tas-silg bhal taghha.



4. Lejla wahda waqt li z-zewgt itfal kienu qeghdin jiehdu gost jaraw ktieb bl-istampi sbieh fuq l-annimali, ghamlet buffra rih qawwija, l-hgiega tat-tieqa mqasmet, u bicca silg laqtet lil Kay fuq wiccu u baqghet niezla sa go qalbu.



5. Minn dak il-hin Kay sar tifel qalbu hazina. Huwa beda jghajjar lil habiba tieghu Gerda u jiggieled maghha. Beda’ jmaqdar kollox u fejn jara l-fjuri beda jghaffighom. Lin-nanna wkoll beda jghajjarha u ma jhallihiex taqralhom l-istejjer. Huwa beda’ anke jitkellem pastaz u jkisser il-hgieg tat-twieqi.



6. Darba meta ghamel hafna silg Kay iddecieda li johrog fil-pjazza jilghab fuq is-silg. Gerda xtaqet tmur mieghu hija wkoll, imma Kay ma riedhiex u beda jghajjarha tifla bahnana u njoranta. Gerda tghidx kemm sewdet qalbha u bkiet.



7. Dawn it-tfal kienu jorbtu l-islitta taghhom wara xi karettun u joqoghdu jiehdu gost jigru fuq is-silg. Kif hareg mid-dar Kay ra slitta kbira bajda u mara liebsa kowt abjad magenbha. Kif raha huwa mar jorbot is-slitta tieghu maghha biex jigri girja.



8. Is-sinjura bdiet issuq l-islitta taghha u zzid dejjem izjed fil-giri. Hija bdiet tigri aktar mir-rih u baqghet sejra l-boghod aktar mir-rahal. Kay beda jibza’ u jitlobha biex tieqaf, imma kien kollu ghal xejn ghax hija ma taghtx kazu u haditu maghha



9. Meta tbeghdu hafna hija waqfet u harget minn fuq l-islitta. Kienet mara twila liebsa kollox tas-silg. Lil Kay rikbitu magenbha fuq is-slitta taghha u ghattietu bil-mantell taghha. Wara bisitu u l-bewsa taghha kienet kiesha silg. Minn dak il-hin Kay ma baqax ihoss aktar ksieh.



10. Kay induna li dik kienet ir-Regina tas-Silg. Beda jhares lejha u tghidx kemm beda jaraha sabiha. Kienet hija li ghamlet dik il-buffura rih qawwija li kisret il-hgiega tat-tieqa u laqtet qalb Kay bis-silg. Minn dak il-hin qalb Kay kienet saret tas-silg bhal tar-Regina u nesa ghal kollox lin-nanna u lic-ckejkna  Gerda.



11. Ghal Gerda dik kienet l-aktar xitwa ta' swied il-qalb. Kienet il-hin kollu tistaqsi fejn mar Kay, imma hadd ma kien jaf jghidilha. In-nies kienu jghidulha li dak issa miet u m'ghandhiex toqghod tahseb aktar fuqu. Imma hija ma kienitx temmen dak li kienu jghidulha n-nies dwar Kay.



12. Meta waslet ir-Rebbiegha darba Gerda qamet filghodu kmieni, bieset lin-nanna li kienet ghadha rieqda, libset par zarbun ahmar, u marret wahidha tfittex lil habibha Kay. Xi haga f'qalbha kienet tghidilha li Kay ghadu haj. Wara gurnata mixi tghidx kemm kienet tkun ghajjiena, imma xorta baqghet sejra tfittxu.



13. Lejla wahda hija u ghaddejja minn foresta qabduha l-hallelin u haduha fil-mohba taghhom. Hemm gew kien hemm tifla b’ghajnejha homor li kienet bint il-kap tal-hallelin. Din qaltilhom biex lil Gerda ma joqtluhiex halli hija jkollha habiba ma’ min toqghod tilghab.



14. Dik il-lejla Gerda bdiet tirrakonta l-istorja ta’ Kay lil habiba gdida taghha. Xi hamiem li kienu fuq it-travi u cerva xiha semghuha huma wkoll tirrakonta l-istorja. Hamiema minnhom qalet: *“Ahna rajnih lic-ckekjen Kay fuq is-slitta tar-Regina tas-Silg.”* U c-cerva xiha qalet: *“Jiena gieli rajtu l-palazz tar-Regina tas-Silg. Dik toqghod f’Lappland, ir-rahal fejn twelidt jiena.”*



15. Waqt illi l-hallelin kienu reqdin fil-fond, bint il-kap marret inkiss inkiss hdejn missierha, u haditlu c-cavetta tal-bieb. Lic-cerva xiha qaltilha: *"Rikkeb lil Gerda fuq dahrek, hudha mieghek f'Lappland u ghinha tehles lil habibha Kay."*



16. Ic-cerva tghidx kemm ferhet meta rat li sejra zzur il-pajjiz taghha mill-gdid. Ghaddew hafna granet jiggerrew minn qalb foresti u moghdijiet miksija bis-silg, sakemm fl-ahhar waslu f'Lappland, il-pajjiz li fih taghmel l-akbar kesha fid-dinja. Il-ksieh li kien hemm hadd ma kien jissaportih, u kullimkien kien ingazzat.



17. Fil-qrib kien jidher il-palazz tar-regina, jleqq qisu tad-djamanti. Imma dak kien silg ingazzat ileqq fix-xemx. Minnu kienu hergin qishom rigmenti ta’ silg biex jghattu d-dinja.



18. Aktar ma bdew joqorbu lejn il-palazz aktar bdew jaraw qishom monstri kbar tas-silg. Uhud kienu qishom skorpjuni kbar, ohrajn qishom sriep, u ohrajn qishom orsijiet. Kienu ghassa mal-palazz tar-regina. Gerda bdiet tibza' u ghalhekk bdiet titlob u tghid it-talba tal-**Missierna.**



19. Tant kien hemm ksieh illi n-nifs taghha beda’ jaqghad u jsir silg. Gara illi hija u tghid il-Missierna dan is-silg beda’ jsir angli sbieh armati bil-kurazza u x-xwabel lesti biex imorru jiggieldu mal-monstri li kienu jiddefendu l-palazz tar-regina. Sakemm spiccat it-talba kien hemm armata kbira.



20. Lil Kay ir-regina kienet ghamlitu skjav taghha. Dan meta ra fhiex sab ruhu beda dejjem jibki u qalbu bdiet tinhall u ma tibqax aktar qalb tas-silg. Darba r-regina taghtu hafna bicciet tas-silg u qaltlu: “Jekk jirnexxilek tikteb bihom il-kelma Eternità jiena nehilsek u nhallik tmur lura d-dar.”



21. Kay issa kien jinsab wahdu f’sala kbira tas-silg b’hafna bicciet tas-silg magenbu biex jifforma l-kelma Eternità. Kellu idejh miksija bis-silg imma huwa ma kienx qed ihoss bard. Gara illi Gerda rnexxielha ssib passagg u minnu dahlet fil-palazz u sabet ruhha hdejn Kay.



22. *“Kay,”* ghajtet ferhana Gerda, *“sa fl-ahhar sibtek,”* u marret tghannqu u tbusu. Imma Kay ma bediex jaghrafha, u baqa’ qisu statwa tas-silg. *“Int min int? X’gejt taghmel hawn? Itlaq ’l hemm u tmissnix,”* huwa qalilha. Imma Gerda kompliet tghannqu maghha u tibki bil-ferh issa li sabitu. Id-dmugh taghha beda jaqa’ fuq ghajnejn Kay u dan beda jdewweb is-silg li kien hemm f’qalb il-habib taghha.



23. Meta s-silg li kellu f'qalbu daghab kollu, Kay ghajjat bil-ferh,*"Gerda, din inti?"* Bdew jghannqu lil xulxin u jizfnu flimkien mitlufin bil-ferh. Gara illi anke l-bicciet tas-silg bdew jaqbzu ferhana maghhom u huma u jaqbzu ffurmaw il-kelma Eternità ma' l-art. *"Mela issa jiena ninsab hieles. Qalbi regghet saret tieghi mill-gdid,"* ghajjat ferhan Kay.



24. Gerda hadet maghha lil Kay fejn kien hemm ic-cerva tistennihom. Din gerriethom ferhana lejn id-dar, u meta waslu kien is-sajf mill-gdid. U l-fjuri tal-gnien kienu kollha fethu u qeghdin jimlew bil-ferh lil kull min ihares lejhom.

TMIEN